MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Numru. 150/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Micallef)**

**vs**

**Stephen Michael Cassar**

**Kumpilazzjoni Nru: 150/2011**

**Illum, 30 ta' Novembru, 2011**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Stephen Michael Cassar, ta' 23 sena, bin Mark Cassar u Diane Cassar xebba Schembri, mwieled Pieta nhar l-20 ta` Frar 1987, residenti "Casa Cassar" Triq is-Snajja Msida, detentur tal-karta ta` l-identita` numru 122987M.

Akkuzat talli:

1. Nhar l-14 ta’ Jannar, 2011, ghall-habta tas-saghtejn u kwart ta’ wara nofsinhar f’ dawn il-Gzejjer u cioe’ gewwa Triq Isourd Sliema, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe’ li jikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta’ missieru Mark Cassar, wera’ dan il-hsieb b’ atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu;
2. U ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta’ missieru Mark Cassar sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor;
3. U ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta’ u/jew bil-ponta (arma regolari), minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
4. U ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe lil Mark Cassar, biza’ li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta’ tieghu;
5. U ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel ingurji u/jew theddid fil-konfront ta’ Mark Cassar;
6. U ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ ghajjat u storbju, kif ukoll billi qal kliem indicenti w oxxen;
7. U ukoll talli fl-istess data, hin, lo u cirkostanzi gera’ bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazez b’ periklu li jahbat ma’ xi hadd u jweggghu;
8. U ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghalkemm kien ipprovokat, ingurja b’ mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
9. U finalment akkuzat ukoll talli nhar l-14 ta’ Jannar, 2011, ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta’ wara nofsinhar, f’ dawn il-Gzejjer u cioe’ fi Triq Manuel Dimech, Sliema volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (Ewro 1,164.69c), u li saret ghad-detriment ta’ Mark Cassar u/jew persuni ohra.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Mark Cassar, billi torbot lill-imsemmi Stephen Michael Cassar b' obbligazzjoni that penali ta' somma flus li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 214, 216, 251B, 325(1)(a), 338(cc)(dd), 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet l-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi nhar l-14 ta' Jannar 2011 PC1188 Paul Cassar kien qieghed xoghol hdejn l-iskola primarja fi Triq Isuord Sliema fil-hin meta t-tfal johorgu mill-iskola biex immorru lura d-dar. Hekk kif kien qieghed hemm ra lill-imputat jigri wara missieru Mark Cassar; dan ta' l-ahhar baqa jigri ghal wara l-kuntistabbli msemmi, fil-waqt li l-imputat waqaf ftit 'l boghod pero beda jghajjar u joffendi lil missieru. L-imputat gie ordnat biex jitlaq minn hemm; hu qaghad ghal dan l-ordni pero hekk kif kien sejjer 'l hemm rega' ghajjar u offenda lil missieru li kien ghadu hdejn il-kuntistabbli.

Illi ftit wara li telaq l-imputat minn hdejn l-iskola telaq ukoll missieru Mark Cassar li baqa sejjer l-ghassa tal-pulizija biex jaghmel rapport dwar dan l-incident; waqt li kien qed jaghmel ir-rapport informa lill-pulizija li waqt li kien sejjer l-ghassa l-imputat saq warajh u baqa diehel fil-vettura tieghu b'mod li kkawzalu hsara fil-parti ta' wara tal-vettura. Il-pulizija li hadu r-rapport ikkonstataw personalment li l-vettura ta' Mark Cassar kellha hsara fil-parti ta' wara.

Illi biex ikomplu b'l-investigazzjoni tal-kaz l-pulizija baghtu ghall-imputat li mar l-ghassa minn jeddu u hemm, quddiem il-pulizija, mhux biss kompla joffendi lill-missieru imma anke heddu bil-mewt. Peress li Mark Cassar allega mal-pulizija li l-imputat kien mar ghalih b'sikkina saret

tfittxija fil-vettura ta'l-imputat pero ma nstabitx sikkina. Ghandu jinghad li meta l-partijiet koncernati kienu ghadhom hdejn l-iskola l-kuntistabbli li kien qieghed hemm ma ra xejn f'idejn l-imputat.

Illi waqt l-udjenza mizmuma f'l-4 ta' April 2011 tressaq Mark Cassar bhala xhud tal-prosekuzzjoni; dan ghazel li jipprevalixxi ruhu mill-fakolta li ma jixhidx (kontra ibnu) pero f'l-ebda stadju ta' dawn il-proceduri ma rrinunzja ghall-azzjoni kriminali.

Illi mill-provi prodotti ma jezisti l-ebda dubbju li l-imputat mhux biss gera wara missieru fil-waqt li kien qed jghajjrhu u offendih imma anke heddu bil-mewt ghaliex dawn il-fatti sehhew fil-prezenza tal-pulizija li xehedu f'dawn il-proceduri. Ghalhekk it-tieni, il-hames, is-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjonijiet jirrizultaw sodisfacjentement pruvati.

Illi fin-nuqqas tad-depozizzjoni ta' Mark Cassar pero ma tezisti l-ebda prova sufficjenti fil-Ligi biex tipprova li l-imputat ittenta jaghmel offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' missieru, li huwa kellu xi strument li jaqta u bil-ponta fil-pussess tieghu, jew li kien hu li ikkawza l-hsara fil-vettura ta' missieru.

Illi dwar ir-raba imputazzjoni huwa ormai stabbilit fil-gurisprudenza taghna li biex jissussisti r-reat kontemplat f'l-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta trid tigi pruvata pluralita ta' istanzi fejn l-imputat b'l-imgieba tieghu ikkawza biza' lil xi hadd iehor (f'dan il-kaz missieru) li ser tintuza vjolenza kontra tieghu. Fil-kaz in ezami pero hemm provi li jirrigwardaw episodju wiehed biss, ghalhekk din ir-raba imputazzjoni ma tirrizultax.

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni.

Illi zgur li fid-decizzjoni dwar il-piena li ghandu jinghata certu piz ir-rapport tal-psikjatra Dr Joseph Spiteri u d-depozizzjonijiet tieghu kif ukoll id-depozizzjoni ta'l-ufficjal tal-probation Maria Mifsud. Huwa car minn dak li qalu

kemm Dr Joseph Spiteri kif ukoll l-probation officer li l-imputat ghandu bzonn ghajnuna pero ghandu bzonn ukoll jaccetta li hu ghandu problema u li ghandu bzonn jiehu l-kura necessarja u li tigu lilu proposta mill-professjonisti koncernati; dan mhux biss f'l-interess ta'l-istess imputat imma nakw f'l-inmteress tal-familja tieghu u tas-socjeta in generali. L-imputat ghandu jaccetta ukoll li, bhal kull bniedem iehor, irid joqghod ghall-ordnijiet lilu moghtija mill-awtoritajiet kompetenti. F'dan ir-rigward il-Qorti ma tistax ma tosservax li tul dawn il-proceduri, meta l-imputat kien konsapevoli li huwa qieghed "f'perjodu ta' prova", huwa naqqas li jmur diversi drabi mhux biss ghall-appuntamenti mal-probation officer imma anke mal-psikjatra, in oltre huwa gieli ma jiehux il-medicina necessarja ghalih u ma joqghodx ghall-ordnijiet li jaghtih il-psikjatra.

Illi min-naha l-ohra l-Qorti ma tistax tinjora l-fedina penali ta'l-imputat, li hija netta, u bil-fors trid tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, kollha ta' natura kontravvenzjonali.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghti lill-imputat l-ahhar opportunita biex jirriabilita lilu nnifsu minghajr il-bzonn li jiskonta piena karcerarja purche huwa joqghod ghall-ordnijiet lilu moghtija u li jiehu l-kura necessarja ghalih.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta'l-ewwel, it-tielet, ir-raba u d-disa' imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 338(cc)(dd), 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal-perjodu ta' tmintax il-xahar bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni moghti kontestwalment inkluz dak li joqghod ghal dak it-trattament mediku li jigi lilu ordnat.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

Il-Qorti qed tordna in-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------